l-orizzont – It-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2006

# Mill-bankina sal-'boardroom




minn
Daniela Attard Bezzina

■ "AX Holdings Philosophy for Success: Creativity, Efficiency, Challenge." Hekk tgħid tabella mwaħħla f'post prominenti fl-uffiċċju ta' Anġlu Xuereb, Chairman u Kap Eżekuttiv tal-kumpanija AX Holdings. Ma għandix dubju li dan ir-raġel, li l-ewwel kuntratt li ħa kien biex jirranġa bankina u llum hu wieħed mill-aktar intraprendituri magħrufa fil-gżejjer Maltin, segwa din il-filosofija mija fil-mija biex laħaq il-quċċata tas-suċċess.

Anġlu trabba f'familja kbira ta' 11-il tifel u tifla, il-kbir missubien. Kif kienet id-drawwa dak iż-żmien, il-bniet kienu jgħinu lil ommhom fix-xogħol taddar filwaqt li Anġlu kien dejjem jiġri ma' missieru u jgħinu finnegozju li kellu. Meta Anġlu kien għadu daqsxejn ta' tifel, missieru kellu razzett tal-barrin u kien jinnegozja wkoll fi prodotti tar-raba' bħal silla, qamħ u tiben. Barra minn hekk kien jixtri l-patata mingħand il-bdiewa Maltin u jbigħha lill-aġenti li jesportawha lejn l-Olanda. Aktar tard ġab il-liċenzja biex jesporta l-patata hu direttament. Fis-snin sittin beda jinnegozja fil-proprjetà u xtara wkoll pompa tal-petrol fil-Mosta.

Anġlu kien tifel kwiet ħafna iżda kien josserva kollox u jassorbi dak kollu li jisma' dwar innegozju minn missieru u l-ħbieb li kien jiltaqa' magħhom f'xi ħanut tat-tè. Ta' 13-il sena kien diġà jaf li l-aktar ħaġa li xtaq jagħmel f'ħajtu kienet li jsir wieħed mill-akbar negozjanti ta' Malta. Li ma kienx għadu jaf kien f'liema qasam xtaq jibni nnegozju tiegħu. Id-deċiżjoni ħadha meta kellu 16-il sena.

"Il-ġibda naturali tiegħi kienet lejn l-industrija tal-bini," qalli Anġlu. "Meta kelli xi disa' snin niftakarni nibni kmamar żgħar fl-għelieqi, taparsi djar. Ma kienx diffiċli għalija biex niddeċiedi f'liema triq kelli nimxi. Missieri oppona bi sħiħ id-deċiżjoni tiegħi għax xtaqni nsir manager f'bank. Jien la ridt naħdem magħluq f'uffiċċju u lanqas ridt nirċievi ordnijiet mingħand ħaddieħor. L-ordnijiet ridt nagħtihom jien. Iżda minnaħa l-oħra kont tifel ubbidjenti u għalkemm ma dħaltx naħdem f'bank, ma qbadtx il-linja tal-bini lanqas. Minflok, ħadt il-liċenzja ta' l-esportazzjoni tal-patata li kellu missieri u bdejt ukoll nieħu ħsieb il-kotba tal-pompa tal-petrol."

Dik il-pompa ma kinitx il-post fejn Anġlu xtaq ikun, iżda bis-saħħa tagħha sab l-ewwel u l-unika mħabba ta' ħajtu. Josephine, tfajla Mostija, spiss kienet tgħaddi minn ħdejn il-pompa tal-petrol u ma damitx ma ġibdet l-attenzjoni ta' Anġlu. Jum fost l-oħrajn mar jara film u ra lil Josephine b'post battal ħdejha. Għamel kuraġġ u mar ikellimha. Dik l-ewwel taħdita wasslithom saż-żwieġ meta Anġlu kellu 22 sena u Josephine kellha 20. Il-ħsieb tagħhom kien li malli jiżżewġu Anġlu jwettaq il-ħolma ta' ħajtu - dik li jibda negozju tal-bini. Josephine emmnet f'żewġha mill-bidunett u baqgħet tappoġġah dejjem.

Il-bidu kien iebes, aktar u aktar għax Anġlu ma setax idur fuq missieru biex jgħinu finanzjarjament billi mar kontra r-rieda tiegħu. Iżda bil-mod il-mod ix-xogħol beda dieħel. L-ewwel kuntratti kienu żgħar, ta' Lm100 jew Lm200 il-wieħed. Anġlu jiftaka[illegible]-ewwel k[illegible]att li ħa, f'Settembru tal-1974, kien biex jirrestawra l-kurdun ta' bankina f'Ħ'Attard. F'dawk l-ewwel snin Anġlu kien jaċċetta kuntratti li ħaddieħor ma ridhomx għax kienu żgħar wisq iżda li għalih kienu bħal manna nieżla missema. Kien jaħdem ħinijiet twal -16-il siegħa kuljum - iżda fl-aħħar beda jara l-frott tal-ħidma tiegħu għax il-valuri tal-kuntratti bdew jiżdiedu. Meta missieru ra li kien qed jagħmel suċċess fil-linja li qabad, ma baqax jopponih, anzi beda jappoġġah u sar kburi ħafna bih.

Fl-1976 Anġlu fetaħ fabbrika tal-precast concrete fin-Naxxar, li kienet xi ħaġa ġdida għal Malta. Sena wara ħoloq l-ewwel kumpanija tiegħu - Angelo Xuereb Ltd. (illum AX Holdings). Kif q[illegible]Semmej[illegible]ekk għax ridt nibni isem. Ridt li ismi jidher f'kull sit tal-kostruzzjoni bħala promozzjoni għalija nnifsi."

Aktar tard Anġlu xtara makkinarju modern għall-prestressed concrete għall-fabbrika tan-Naxxar. Bis-saħħa ta' dan l-investiment, beda jieħu aktar kuntratti billi f'Malta dak iż-żmien kien hawn biss żewġ fabbriki tal-prestressed concrete, li bih kont tiffranka x-xogħol u jkollok prodott finali aktar pulit. Tant kien hawn domanda għalih li Anġlu kien ikollu ordnijiet ibbukkjati minn qabel għal sena sħiħa. Fost proġetti kbar li ħadmet fuqhom il-kumpanija ta' Anġlu Xuereb kien hemm dak ta' l-istadium ta' Ta' Qali, l-impjant tar-reverse osmosis ta' Għar Lapsi, iċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi, il-fabbrika ta' l-iSpinning and Weaving u, aktar riċentement, iċ-ċumnija tal-power station ta' Delimara.

Sal-1980 Anġlu Xuereb kien stabbilixxa ismu bħala wieħed mill-akbar kuntratturi ta' pajjiżna u xtaq jiddiversifika biex l-investimenti tiegħu ma jkunux kollha fl-istess qasam. Billi minn dejjem emmen ħafna fit-turiżmu, iddeċieda li jimraħ f'dan is-settur billi jibni l-lukanda Sunny Coast fil-Qawra, li nfetħet fl-1981. F'dak l-istess perjodu fetaħ ukoll barriera taż-żrar bl-isem Hard Rocks Ltd. li t-tmexxija tagħha fdaha f'idejn ħuh iż-żgħir, kif għadha sal-lum.

Fl-1983 Anġlu fetaħ is-Sunny


Iċ-ċumnija tal-Power Station ta' Delimara



Valletta Waterfront: holma ohra mwettqa ghal Anġlu Xuereb

Coast Health Club u r-ristorant Coral Reef u tliet snin wara beda jahdem fuq il-proġett tal-lukanda Suncrest, li hadet biss 13-il xahar minn meta tqieghdet l-ewwel ġebla taghha sakemm laqghet lill-ewwel turisti f'Ġunju tal-1987. Fl-1991 il-fabbrika tal-konkos ittiehdet Ħal Far, fejn tkopri medda art ta' 40,000 metru kwadru u hija l-akbar fabbrika ta' dan it-tip f'Malta.

Kien fl-1994 li Anġlu kompla jiddiversifika billi xtara Palazzo Capua u medda art ħdejh li fuqha bena sptar privat. F'dik l-istess sena xtara wkoll il-lukanda Verdala fir-Rabat, ghalkemm sal-lum ghadu ma nhariġlux il-permess biex minflokha jibni lukanda ġdida u appartamenti. Aktar tard, biex jikkumplimenta l-isptar, Anġlu bena l-lukanda Victoria biswitu bil-hsieb li jaghmlu użu minnha pazjenti waqt il-konvalexxenza kif ukoll qraba ta' pazjenti rikoverati fl-isptar. Din il-lukanda kienet suċċess kbir u ghadha sal-lum wahda mill-aqwa lukandi ta' erba' stilel f'pajjiżna. Anġlu xtara wkoll l-art ta' warajha biex fuqha jibni l-Palace Hotel - lukanda ta' hames stilel b'155 kamra li mistennija tinfetah is-sajf li ġej. Erba' snin ilu Anġlu hareġ ghall-bejgh il-Verdala Mansions - l-aktar appartamenti lussużi f'Malta, li llum huma mibjughin kollha.

Maż-żmien l-isptar inbiegh lill-kumpanija St James. Inbieghu wkoll il-fabbrika General Precast Concrete u l-lukanda Duke of Edinburgh ta' Ghawdex. L-ghan wara dan il-bejgh kien li Anġlu jinvesti fl-aktar proġett ghal qalbu s'issa, u birraġun ghax l-idea oriġinali dwaru kienet tieghu. Dan kien il-proġett tal-Valletta Waterfront, li biex jarah jitwettaq Anġlu ghaqqad konsorzju b'sahhtu li rnexxielu jirbah it-tender. "Inhossni kburi hafna b'dan il-proġett, li rnexxa mija fil-mija u li offra potenzjal kbir ghal pajjiżna ghax bih qed jirnexxilna nistabbilixxu lil Malta bhala destinazzjoni ta' home porting u mhux sempliċiment bhala port of call," qalli Anġlu.



Il-lukanda Sunny Coast fil-Qawra

Dan il-bniedem ma ghandux kwiet. Bhalissa qed jahdem fuq proġett ġdid - dak ta' kumpless ghall-anzjani fin-Naxxar. F'dan il-kumpless kull resident se jkollu l-appartament żghir tieghu filwaqt li jista' jaghmel użu wkoll mill-faċilitajiet komuni, fosthom klinika, kappella, sala, ġonna, pixxina u post iddedikat lill-passatempi. Sadanittant qed jippjana wkoll biex jiftah żewġt ihwienet fil-Valletta Waterfront - ir-ristorant Tal-Kaptan u bar li joffri divertiment ghal dawk ta' età matura.

Inizjattiva ohra li Anġlu ha dan l-ahhar flimkien ma' martu kienet dik li jwaqqaf l-AX Foundation - fondazzjoni li, taht it-tmexxija ta' Josephine, torganizza diversi attivitajiet ta' ġbir ta' fondi b'riżq ghaqdiet filantropiċi. Bl-involviment ta' Josephine, issa l-familja kollha ta' Anġlu qed tahdem id f'id mhux biss fid-dar iżda wkoll lil hinn minnha. It-tifel il-kbir, Richard, jahdem ma' missieru fil-qasam tal-kostruzzjoni, it-tifla l-fustanija, Claire, tmexxi l-lukanda Victoria u se tmexxi wkoll il-lukanda Palace, filwaqt li ż-żghira, Denise, ghadha qed tistudja iżda tghin lil ohtha fit-tmexxija tal-lukanda.

Staqsejt lil Anġlu, li llum ihaddem aktar minn 500 ruh direttament u mal-500 ohra b'1mod indirett, x'jahseb li kienu l-ingredjenti ewlenin fit-triq tas-suċċess tieghu. Filwaqt li hares lejn it-tabbella li semmejt fil-bidu, qalli, "Dawk it-tlieta u żid maghhom id-determinazzjoni, il-viżjoni u l-kwalità."





Il-lukanda Victoria, Tas-Sliema